

31984R1716

21.6.1984

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 163/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1716/84  
tat-18 ta' Ġunju 1984**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1883/78 li jistabbilixxi regoli ġenerali sabiex jiġu ffinanzjati  
l-interventi mit-Taqsima Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3509/80<sup>(2)</sup>, u b' mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 1883/78<sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1550/83<sup>(4)</sup>, jelenka l-miżuri li jikkonformaw mal-kunċett ta' l-intervent maħsub sabiex jistabbilizza s-swieq agrikoli skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 729/70; billi dan l-Anness għandu jiġi aġġornat għaliex numru ta' miżuri ġew addottati jew imħassra minn mindu ġie l-aħħar emendat;

Billi minn mindu l-Anness intier ġie abbozzat mill-ġdid fis-sena 1981 fil-għamla ta' lista waħda, ġie emendat bir-Regolamenti (KEE) Nru 1262/82<sup>(5)</sup> u (KEE) Nru 1550/83; billi l-Anness kollu għandu għalhekk jiġi abbozzat mill-ġdid għal darba oħra fil-għamla ta' lista waħda;

Billi, għall-miżuri li ma jidhrux fl-Anness il-ġdid iżda li rigward tagħhom tista' fil-proċess tkun qiegħda tiġi miġrura nefqa, l-Annessi ta' qabel għandhom jissoktaw japplikaw,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu Waħdieni*

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 1883/78 huwa hawnhekk mibdul bl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-18 ta' Ġunju 1984.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ROCARD

<sup>(1)</sup> ĠU Nru L 94, tat-28.4.1970, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU Nru L 367, tal-31.12.1980, p. 87.

<sup>(3)</sup> ĠU Nru L 216, tal-5. 8.1978, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU Nru L 158, tas-16.6.1983, p. 9.

<sup>(5)</sup> ĠU Nru L 148, tas-27.5.1982, p. 1.

L-ANNESS

"L-ANNESS

## IL-MIŻURI RIFERITI FL-ARTIKOLU 1

### I. IĊ-ĊEREALI U R-ROSS

#### A. IĊ-Ċereali

1. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikolu 7(1), (2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.
2. Il-miżuri partikolari u speċjali ta' intervent ipprovduti fl-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.
3. Il-ħlasijiet imħollija għas-sena ta' wara rigward il-ħażniet li jifdlu fl-aħħar tas-sena tas-suq ipprovduta fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.
4. Il-ghajjnuna għall-produzzjoni tal-qamħ duru pprovduta fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.
5. Ir-rifondi u l-primjumijiet fuq il-lamtu tal-patata pprovduti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.
6. Is-sussidji pprovduti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.

#### B. Ir-Ross

1. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikolu 5(1), (2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76.
2. Il-miżuri ta' intervent speċjali pprovduti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76.
3. Il-ħlasijiet imħollija għas-sena ta' wara rigward il-ħażniet li jifdlu fl-aħħar tas-sena tas-suq ipprovduti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76.
4. Ir-rifondi fuq il-produzzjoni pprovduti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76.
5. Is-sussidji fuq il-kunsinja tar-ross mill-Komunità lid-dipartimenti Franċiżi lil hemm mill-baħar tar-Réunion ipprovduti fl-Artikolu 11a tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76.

### II. IZ-ZOKKOR

1. L-ispejjeż għall-ħażna pprovduti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81.
2. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikoli 9(1), 11 u 34 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81.
3. Il- *premiums* fuq iz-zokkor magħmul mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem ipprovduti fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81.
4. Il- *premiums* għall-produzzjoni pprovduti fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81.
5. Il-miżuri meħuda sabiex jippermettu t-tqegħid fis-suq taz-zokkor prodott fid-dipartimenti Franċiżi lil hemm mill-baħar skond l-Artikolu 9 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81.
6. Il-miżuri ta' intervent speċjali li jgħinu għalbiex jiggarrantixxu l-provisti pprovduti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81.
7. Is-sussidji fuq l-importazzjoni pprovduti fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81.
8. L-ammont riferit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1789/81 impost fuq iz-zokkor mill-ħażna minima mqiegħda fis-suq għajr skond ir-regoli stabbiliti.

### III. IŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

1. Il-ghajjnuna għall-produzzjoni pprovduta fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
2. Il-ghajjnuna għall-konsum ipprovduta fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
3. Il-kampanji ta' pubbliċità u proġetti oħra għalbiex jipromwovu l-konsum taż-żejt taż-żebbuġa pprovduti fl-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 136/66/KEE.

4. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikolu 12(1) u (2) tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
5. Il-miżuri pprovduti fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 136/66/KEE (riserva ta' ħażna meħtieġa).
6. Ir-rifondi fuq il-produzzjoni rigward iż-żejt taż-żebuga użat fil-fabbrikazzjoni tal-ħut u l-ħaxix ta' l-ikel ippriservati pprovduti fl-Artikolu 20a tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
7. Il-kuntratti dwar il-magazzinaġġ ipprovduti fl-Artikolu 20d(3) tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
8. L-ammont korrettiv mogħti jew impost fuq il-kummerċ bejn il-Greċja u l-Istati Membri l-oħra pprovdut fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2919/82.

#### IV. IL-PJANTI TAŻ-ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U TAL-PROTEINI

##### A. Żrieragħ taż-żejt

###### A.1 Żrieragħ tal-kolza, tal-lift u tal-ward tax-xemx

1. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettaq minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikolu 26(1) tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
2. Il-għajnuna rigward iż-żrieragħ taż-żejt miġbura u pproċessati pprovduta fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
3. Il-konċessjoni għat-tqegħid kmieni fis-suq pprovduta fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
4. Kull miżura ta' deroga addottata skond l-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 136/66/KEE.
5. L-ammonti differenzjali mogħtija jew imposti fiż-żmien tal-proċessar taż-żerriegħa tal-kolza, tal-lift u tal-ward tax-xemx ipprovduti fir-Regolament (KEE) Nru 1569/72.

###### A.2 Żrieragħ oħra taż-żejt

1. Il-għajnuna għas-soja pprovduta fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1614/79.
2. Il-għajnuna għaż-żerriegħa tal-kittien ipprovduta fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 569/76.
3. Il-għajnuna għaż-żerriegħa tar-riġnu pprovduta fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2874/77.
4. Il-għajnuna supplimentari għaż-żerriegħa tar-riġnu pprovduta fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1610/79.

##### B. Il-Pjanti tal-proteġini

###### B.1 Il-piżelli, il-fażola ta' l-għelieqi u l-lupin ħelu

1. Il-għajnuna għal prodotti Komunitarji użati fil-fabbrikazzjoni ta' l-għalf ipprovduta fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1431/82.
2. Il-għajnuna għall-prodotti Komunitarji użati għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali pprovduta fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1431/82.

###### B.2 Il-għalf imnixxef

1. Il-produzzjoni b'rata uniformi pprovduta fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1117/78.
2. Il-għajnuna supplimentari pprovduta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1117/78.

#### V. IL-PJANTI TAT-TESSILI U D-DUD TAL-ĦARIR

##### A. Il-ħjut tal-kittien u tal-qanneb

1. Il-għajnuna fuq il-produzzjoni pprovduta fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1308/70.
2. Il-għajnuna għall-ħażna privata pprovduta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1308/70.
3. Il-miżuri għalbiex jinkoraġġixxu l-użu tal-ħjut tal-kittien ipprovduti fl-Artikolu 1 tar-Regolamenti (KEE) Nru 2511/80 u (KEE) Nru 1423/82.

##### B. Id-dud tal-ħarir

Il-għajnuna għat-trobbija tad-dud tal-ħarir ipprovduta fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 845/72.

## VI. IL-FROTT U L-ĦAXIX TA' L-IKEL

## A. Il-frott u l-ħaxix frisk ta' l-ikel

1. Il-kumpens finanzjarju mogħti lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi pprovdut fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72.
2. Il-kumpens lill-produtturi mhux membri riferiti fl-Artikolu 18a tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72.
3. Ix-xiri għall-ħażna pprovdut fl-Artikoli 19 u 19a tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 meta s-suq Komunitarju jkun jinsab fi stat ta' kriżi serja.
4. Il-miżuri għad-disponiment tal-prodotti rtirati mis-suq ipprovduti fl-Artikoli 21(1) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72.
5. Il-kumpens mogħti lill-bdiewa skond l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72.
6. Il-kumpens finanzjarju maħsub għalbiex jippromwovi t-tqegħid fis-suq tal-frott taċ-ċitru tal-Komunità pprovdut fl-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2511/69.
7. Il-kumpens finanzjarju maħsub għalbiex jinkoraġġixxi l-proċessar ta' ċerti varjetajiet ta' larinġ ipprovdut fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2601/69.
8. Il-kumpens finanzjarju maħsub għalbiex jinkoraġġixxi t-tqegħid fis-suq tal-prodotti pproċessati mill-lumi pprovdut fir-Regolament (KEE) Nru 1035/77.

## B. Il-frott u l-ħaxix ta' l-ikel ipproċessati

1. Il-ghajjnuna għall-produzzjoni ta' l-ananas fil-landi pprovduta fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 525/77.
2. Il-ghajjnuna għall-produzzjoni ta' ċerti prodotti pproċessati mill-frott u mill-ħaxix ta' l-ikel ipprovduta fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 516/77.
3. Il-miżuri speċjali għall-għeneb imnixxef u t-tin imnixxef ipprovduti fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KEE) Nru 516/77.
4. Il-ghajjnuna għall-ħażna u l-kumpens finanzjarju għall-għeneb imnixxef u t-tin imnixxef ipprovduta fl-Artikolu 4(5) u (6) tar-Regolament (KEE) Nru 516/77 u fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 2194/81 (ħsada mis-sena 1981 sas-sena 1983).
5. Il-ghajjnuna għall-ħażna mill-ġdid ta' l-għeneb imnixxef tal-varjetà tas-sultana pprovduta fl-Artikolu 10(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2194/81.
6. Il-kumpens finanzjarju pprovdut fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1603/83.

## VII. IL-PRODOTTI TAS-SETTUR TAT-TKABBIR TA' L-GHENEGB GĦALL-INBID U L-FABBRIKAZZJONI TIEGĦU

1. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata ta' nbid tal-mejda, mostu ta' l-għeneb, mostu kkonċentrat ta' l-għeneb u mostu kkonċentrat u rrettifikat ta' l-għeneb ipprovduta fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
2. Il-ghajjnuna għall-ħażna mill-ġdid ta' l-inbid tal-mejda pprovduta fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
3. Id-distillazzjoni preventiva pprovduta fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
4. Il-miżuri addizzjonali riservati għall-pussessuri ta' kuntratti tal-magazzinagġ fuq skond fit-tul ipprovduti fl-Artikolu 12a tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
5. Il-miżuri maħsuba għalbiex jinkoraġġixxu t-tkabbir tas-swieq ta' l-inbid tal-mejda pprovduti fl-Artikolu 12b tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
6. Il-ghajjnuna għall-mostu kkonċentrat ta' l-għeneb u l-mostu kkonċentrat u rrettifikat ta' l-għeneb użat għalbiex tiżdied is-saħħa alkalika pprovduta fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
7. Il-ghajjnuna għall-mostu ta' l-għeneb użat għall-produzzjoni tal-meraq ta' l-għeneb, l-inbejjed Britanniċi, l-inbejjed Irlandiżi u xorbiet oħra simili pprovduta fl-Artikolu 14a tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
8. Id-distillazzjoni ta' l-inbid tal-mejda u kull miżura oħra approprijata pprovduta fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.

9. Il-ghajjnuna mogħtija, kif ukoll il-porzjon tan-nefqa miġrura mill-aġenzija ta' l-intervent rigward il-ħidmiet tad-distillazzjoni pprovduta fl-Artikoli 39 u 40 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79, iffinanzjati mit-Taqsima Garanzija tal-FAEGG.
10. Il-miżuri għad-disponiment tal-prodotti mill-ħidma tad-distillazzjoni pprovduti fl-Artikoli 39 u 40 meħuda skond l-Artikolu 40a tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
11. Il-ghajjnuna mogħtija rigward id-distillazzjoni obligatorja ta' l-inbid tal-mejda pprovduta fl-Artikolu 41 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
12. Ix-xiri għall-ħażna ta' l-alkol u t-transazzjonijiet konsegwenti imwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikoli 41 u 41a tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
13. Il-miżuri maħsuba għalbiex jinkoraġġixxu l-użu ta' metodi oħra għajr dawk tad-distillazzjoni pprovduti fl-Artikolu 41c tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
14. Il-miżuri ta' intervent għal prodotti oħra għajr l-inbid tal-mejda pprovduti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.
15. Il-miżuri derogatorji wara diżastri naturali pprovduti fl-Artikolu 62 tar-Regolament (KEE) Nru 337/79.

#### VIII. IT-TABAKK MHUX MAĦDUM

1. Il-primjumijiet ipprovduti fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KEE) Nru 727/70.
2. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (KEE) Nru 727/70.

#### IX. SETTURI JEW PRODOTTI OĦRA AGRIKOLI

##### A. Iż-żrieragħ

Il-ghajjnuna fuq il-produzzjoni pprovduta fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71.

##### B. Il-ħopp (ħops)

Il-ghajjnuna għall-produzzjoni pprovduta fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71.

##### Ċ. It-ṭkabbir tan-naħal

1. Il-ghajjnuna pprovduta fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1196/81.
2. Il-programm ta' rikerka *ad hoc* fil-marda tal-varroamite pprovdut fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KEE) Nru 1196/81.

#### X. IL-ĦALIB U L-PRODOTTI MILL-ĦALIB

##### A. Il-ħalib xkumat 1.

1. Ix-xiri għall-ħażna ta' trab tal-ħalib xkumat u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
2. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata tat-trab tal-ħalib xkumat ipprovduta fl-Artikolu 7 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
3. Il-ghajjnuna għal-ħalib xkumat u t-trab tal-ħalib xkumat użat għall-għalf ta' l-annimali pprovduta fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
4. Il-ghajjnuna għall-ħalib xkumat ipproċessat f'kaseina jew kaseinati pprovduta fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.

##### B. Il-Butir

1. Ix-xiri għall-ħażna tal-butir u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikolu 6 (1) u l-ewwel sottoparagrafu jew l-ewwel sentenza tat-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 6 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
2. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata tal-butir u l-krema pprovduta fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
3. Il-miżuri speċjali għad-disponiment tal-butir ipprovduti fit-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.

**Ċ. Miżuri oħra**

1. L-imposta addizzjonali pprovduta fl-Artikolu 5ċ tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
2. Ix-xiri għall-ħażna ta' l-iġbna *GranaPadano* u *ParmigianoReggiano* u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
3. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata ta' l-iġbna *GranaPadano*, *ParmigianoReggiano* u *Provolone* pprovduta fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
4. Il-miżuri ta' intervent għall-iġbna li jżommu għat-tul ipprovduti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
5. Il-miżuri li għandhom x'jaqsmu mat-tnaqqis ta' fdalijiet żejda tal-prodotti mill-ħalib ipprovduti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
6. Il-ghajjnuna Komunitarja mogħtija għall-forniment ta' prodotti mill-ħalib lit-tfal ta' l-iskola fi stabbilimenti edukattivi skond l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.
7. Il-primjumijiet għan-nuqqas ta' tqegħid fis-suq tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib u l-primjumijiet għall-konverżjoni ta' merħliet tal-ħalib għall-produzzjoni tal-laħam ipprovduti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1078/77 <sup>(1)</sup>.
8. L-impost ta' ko-responsabbiltà u l-miżuri għalbiex jespandu s-swieq għall-prodotti mill-ħalib skond l-Artikoli 1 u 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1079/77.
9. Il-miżuri maħsuba għalbiex jappoġġjaw l-introjti tal-produtturi tal-ħalib fuq skala zġhira pprovduti fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KEE) Nru 1079/77.

**XI. IL-LAĦAM TAĊ-ĊANGA U TAL-VITELLA**

1. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata pprovduta fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 805/68.
2. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (KEE) Nru 805/68.
3. Il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq ipprovduti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 805/68.
4. Il-primjumijiet għall-għoġla pprovduti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1201/82, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1215/83, u fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1064/84.
5. Il-primjumijiet għall-qatla ta' ċerti frat adulti pprovduti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1200/82, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1217/83.
6. Il-primjum għall-qatla ta' ċerti'bhejjem ta' l-ifrat ipprovdut fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1063/84 u l-ammont ekwivalenti riferit fl-Artikolu 3 ta' l-istess Regolament.
7. Il-primjumijiet għalbiex jinżammu baqar tar-redgħa pprovduti fl-Artikoli 1 u 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1357/80.
8. Il-primjumijiet addizzjonali għall-primjumijiet dwar iż-żamma ta' baqar tar-redgħa pprovduti fir-Regolament (KEE) Nru 1199/82, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 870/84.

**XII. IL-LAĦAM TAL-MUNTUN U L-LAĦAM TAL-MOGĦOŻ**

1. Il-primjumijiet mogħtija lill-produtturi tal-laħam tal-muntun biex ipattu għat-telf ta' l-introjtu pprovduti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1837/80.
2. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata pprovduta fl-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1837/80.
3. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikolu 6(1)(b) Regolament (KEE) Nru 1837/80.
4. Il-primjumijiet varjabbli għall-qatla tan-nagħaġ ipprovduti fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1837/80.
5. Il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq ipprovduti fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KEE) Nru 1837/80.

## XIII. IL-LAĦAM TAL-ĦANŻIR

1. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata pprovduta fl-ewwel inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.
2. Ix-xiri għall-ħażna u t-transazzjonijiet konsegwenti mwettqa minn aġenzija ta' l-intervent skond l-Artikoli 3, 4, 5 u 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.
3. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata pprovduta fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.

## XIV. DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦAL NUMRU TA' SETTURI

1. L-ammonti monetarji kompensatorji imposti u mogħtija fil-kummerċ bejn l-Istati Membri skond ir-Regolament (KEE) Nru 974/71.
2. L-ammonti kompensatorji għall-adeżjoni mogħtija fil-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-Greċja skond l-Artikoli 43 u 61 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1979.

## XV. IL-PRODOTTI MIS-SAJD

1. Il-kumpens finanzjarju mogħti mill-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi pprovdut fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.
2. It-tqassim b'xejn ta' l-oġġetti rtirati mis-suq skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.
3. Il- *premiums* imħollija għas-sena ta' wara pprovduti fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.
4. Il- *premiums* speċjali mħollija għas-sena ta' wara għall-inċova u s-sardin ipprovduti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.
5. Il-ghajjnuna għall-ħażna privata pprovduta fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.
6. Il-kumpens lill-produtturi Komunitarji tat-tonn ipprovdut fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.
7. Il-kumpens lill-produtturi Komunitarji tas-salamun u l-awwist ipprovdut fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.

## XVI. MIŻURA LI GĦALIHA ĠEW APPLIKATI ADDIZZJONALMENT ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 729/70, 'MUTATIS MUTANDIS'

Il-ghajjnuna għall-qoton mhux imfesdaq ipprovduta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2169/81.

---

(<sup>1</sup>) Il-Finanzjament mill-EAGGF 60 % mit-Taqsima Garanzji u 40 % mit-Taqsima Gwida."